# Birkirkara
# Art għammiela ta' karita

Kitba ta' Ġorġ Peresso

*Ir-rabta ta' Fra Diegu u l-Qaddej t'Alla Margerita De Brincat ma' Birkirkara*

## Id-devozzjoni I

l-istorja Kattolika tfakkar lil Santa Liena b'titli Rjali: Imperatrici Awgusta ! Titli li ntiertu mill-kultura Rumana Imperjali. L-imperatur kellu f'idejh il-kmand u fi żmien l-Imperu, wara l-waqa' rar-Repubblika, l-Imperatur kellu l-kmand assolut. It-titlu Awgustu kien it-titlu mogħti mis-senat mill-ewwel Imperatur, Octavius, u baqa' jintieret mill-Imperaturi ta' warajh. Iżda ma rridux ninsew il-mod kif il-liturġija Kattolika tfakkar mara kbira bħal din. Issejħila Mara ta' ħila (Prov.K. 31 v.10). U dan mhux xi ġieħ zgħir meta wieħed jqis li l-Kotba Mqaddsa jkomplu jżejnu dan it-titlu bi kwalitajiet oħrajn: tiswa ħafna aktar mill-ġawhar ; fuqha tistrieħ qalb żewgħa; ġġib ir-risq it-tajjeb; taf tħaddem idha u taf tamministra darha u l-ġid li tikseb; tjubitha hi magħrufa; taf tieħu ħsieb uliedha u taf tħares 'il quddiem b'otimiżżmu. Ma' din il-ħila iżżid virtù mill-isbaħ: Tiftaħ idejha mal-fqir, tmidd idejha lejn l-imsejken.

Dan l-eloġju milqut jagħlaq bl-isbaħ tifħir u ġieħ il-mara ta' ħila hija dik il-mara li tibża' mill-Mulej u għalhekk ta' min ifaħħarha !
Birkirkara tifraħ b'din il-mara ta' ħila nhar il-festa tal-patruna tagħha Santa Liena.
Affettwożament imsejha Lieni!
Filwaqt li fil-Knisja mżejna, mas-sbuħija Solenni tal-Liturġija b'parametri sagri u kant li hu wirt kulturali, jintiseġ innu ta' tifħir lill-Patruna; filwaqt litul it-toroq

ferħana jidwu n-noti tal-marċijiet mal-bombi u l-logħob tan-nar u l-vara majestuza' ta' Psaila, imżejna bid-deheb imma fuq kollox bis-Salib, toħroġ setgħana mat-toroq tal-parroċċa. Wieħed ma jridx jinsa li f'dan ir-raħal kbir, tul medda ta' zmien, seħħew opri ta' karita lejn il-foqra u l-imsejkna li jwettqu dak li l-kotba Mqaddsa jatribwixxu lil-mara ta' ħila !

Mal-festa ta' Santa Liena niftakru f'żewġ opri ta' ħniena li rabtu isimhom b'xi mod ma' Birkirkara u li t-tnejn bdew fis-sena 1885. F'dik is-sena f'Birkirkara nfetħu żewgt idjar tal-karità, waħda ta' Fra Diegu u l-oħra mmexxija mis-Sorijiet Terezjani Franġiskani ( ta' Triq Palma, Rabat Għawdex). Din is-sena qegħdin infakkru il-mitt sena mill-mewt ta' Fra Diegu u l-ħamsin sena mill-mewt tal-Qaddej t'Alla, Madre Margerita De Brincat li għamlet żmien superjura tad-dar tal-Kongregazzjoni tagħha f' Birkirkara fl- 1885.
Fis-sena li bdew dawn iz-żewġt idjar tal-karita, Birkirkara kien raħal imdaqqas sew, b'Parroċċa mifruxa. Il-popolazzjoni kienet tilħaq b'kollox 6,498 magħmula minn 3,201 irgiel u 3,297 nisa. Il-Prepostu kien il-Kanonku Dr. Crocifisso Pisani Borg. Kien hawn skola primarja maħsuba għal 229 tifel u 196 tifla. L-iskola ma kienitx obligatorja izda l-Amministrazzjoni Ingliza, wara r-rapport ta' Keenan fl-1879, kienet imħassba dwar ħafna tfal bla tagħlim, mitluqa għal rashom. Kien f'dan l-isfond socjali li l-Amministazzjoni Ingliża, minkejja t-tfixkil tal-Awtoritajiet Militari li kien jinteresshom biss minn Malta bħala fortizza, bdiet tieħu b'aktar serjeta l-edikazzjoni tat-tfal u t-tħejjija tagħhom għal xi sengħa. U għalhekk ma nistagħġbux li nsibu li l-Inglizi ħadmu id f'id mal-Knisja - magħrufa għall-ħniena mal-imsejkna - u b'mod partikulari ma' individwi li kienu jieħdu ħsieb l-edukazzjoni tal-foqra. Kien f'dan l-isfond socjali li nfetħu djar ta' karita f'Birkirkara.

## Fra Diegu u Birkirkara.

L-isem u l-opra ta' Fra Diegu huma aktar marbuta mal-Ħamrun, izda qabel ma mar f'Casale San Giuseppe, jigifieri il-

Ħamrun, u aktar il quddiem bl-għajnuna tal-Markiz Scicluna bena l-Istitut kbir li hemm illum, hu fittex djar fejn iqiegħed il-ħafna tfajliet li beda jġorr mit-triq tal-faqar u tal-prostituzzjoni. Beda f'Bormla, u meta d-dar ċkienet għan-numru ta' tfajliet sab dar oħra kbira fi Strada Tre Chiese Ħal Balzan u hemm ħa lit-tfajliet kollha li kien ġabar.
Issa l-ħsieb ta' Fra Diegu kien ukoll fit-tfal iltiema iżda ried isibilhom post għalihom, mhux mat-tfajliet sfrattati, għalhekk fl-1885, sab dar oħra f' Birkirkara. Kienet tieħu ħsiebha, oħtu Ġ=anna, mart Pawlu Marmara. Fejn eżattament kienet din id-dar ta' Birkirkara? Sewwa sew ma nafux. Jista' jkun li mhux fil-qalba ta' Birkirkara izda fil-limiti ta' dan ir-raħal kbir kif isemmu l-ewwel bijografi tal-Ajk Frangiskan. Skond tagħrif miġbur mill-istudjuz Carmel Calleja jidher li sa Ottubru 1887, f'Birkirkara kien hawn Istitut ta' Fra Diegu. Fil-fatt fl-1887 f'dan l-istitut kien hemm 24 tifla u waqt l-epidemija tal-kolera kienu jitqassmu 30 "soup rations" lil dan l-istitut. Is-"soup kitchens" ta' Birkirkara kienu f'idejn kumitat immexxi mill-Prepostu Pisani Borg. B'dana kollu, dan l-istitut ma kellux idum ħafna f'Birkirkara.

**Madre Margerita u Birkirkara.**

Fl-istess sena li Fra Diegu fetaħ id-dar tiegħu f'Birkirkara, jigifieri fl-1885, infetħet dar oħra ta' karità mmexxija mis-Sorijiet Frangiskani, magħzula għal dan il-għan kemm l-Amministazzjoni tal-Knisja u kemm minn dik Governattiva. Nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 1885, sar "it-tberik u l-ftuħ tal-Iskola għat-tagħlim u trobbija tajba ta' bniet foqra". Id-dar kienet f"Vicolo Nannua alias Vicolo Mula no.3" skond Carmel Calleja, din id-dar hi l-istess dar fejn illum hemm il-muzew tas-subien.
Skond ftehim iffirmat ftit xhur qabel, id-dar kellha tinkera lis-sinjura May Hely Hutchinson, mart il-Logotenent u Chief Secretary tal-Gvern ta' Malta, l-Onorevoli Walter Hely Hutchinson, u lis-sinjura Emilia Gonzales Huet bil-għan "sekulari" li f'din id-dar "tfal ma jmorrux skola setgħu jkunu meħlusa mit-triq u jitgħallmu xi ħaġa ta' siwi

bħal bizilla, ħjata eċċ." Barra minn hekk kellha tingħata mportanza lill-indafa. Skond l-istess ftehim, Lady Hutchinston, għal sentejn mid-data tal-ftuħ tad-dar, setgħet ddur u tispezzjona id-dar u tara li l-għanijiet sekulari kienu qedgħin jintlaqgħu. Hija ntrabtet wkoll li tħallas il-bzonnijiet tad-dar sakemm dawn ma jkunux aktar minn għoxrin lira fis-sena, kif wkoll tħallas il-kera. Wara sentejn is-sorijiet kellhom jaraw kif jagħmlu biex id-dar izzomm fuq saqajha, aktarx mill-bejgħ tal-bizzilla li kienu jagħmlu kemm is-sorijiet u kemm it-tfal. Jidher li bejn is-snin 1885-1886 huma kienu lestew bizzilla li kienet tiswa 48.2s.3d. Madre Margerita bdiet tieħu ħsieb din id-dar fl-1888. Meta waslet Birkirkara indunat li d-dar ta' Sqaq Nannuwa "kienet zgħira,'il bogħod miċ-ċentru tar-raħal u ma kellhiex kappella". Forsi minħabba f'hekk li n-numru tat-tfal ma kienx wieħed kbir, u għalhekk kriet dar akbar fi Triq San Ġużepp fejn is-sorijiet damu għal għoxrin sena.
Wara huma bnew dar akbar fi Sqaq Imnajjar (illum Triq Imnajjar). Deher li dawn is-sorijiet, issa mmexxija minn Madre Margerita, kienu rabtu qalbhom u firxu l-għeruq tagħhom mar-raħal ta' Birkirkara.
B'dana kollu id-dar ta' Triq San Ġużepp għandha rabta kbira mat-tiġdid ta' din il-Kongregazzjoni Għawdxija li fl-1888 kienet ser tisfaxxa. F'waqt ta' talb fil-kappella, Madre Margerita kellha Ispirazzjoni mis-Sema biex tmur lejn Għawdex. Bl-enerġija tagħha salvat din il-Kongregazzjoni tant li s-Sorijiet sena wara għażluha biex tmexxi din il-Kongregazzjoni minkejja li kellha biss sitta w għoxrin sena! Dan kien waqt deċiziv li twieled fit-talb tad-dar ta' Birkirkara u bir-raġun Patri Alessandru Bonnici jsejaħħlu "it-tieni twelid tal-Kongregazzjoni" u "għalhekk ma hux ta' xejn li Margerita tissejjaħ il-Konfundattrici".
Naħseb li jkun xieraq li f'din id-dar jew fit-triq li fiha hemm din id-dar, is-Sorijiet Franġiskani bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali għandhom jfakkru dan l-avveniment!

## Laqgħa Providenzjali

Iżda mmorru ftit lura għax qabel seħħ dan it-tibdil mportanti fil-Kongregazzjoni tas-sorijiet illum msejjħa tal-Qalb ta' Gesu', il-Providenza riedet li t-toroq li kien ħa Fra Diegu u dawk tas-Sorijiet tal-Kongregazzjoni l-ġdida kellhom jiltaqgħu w jsaħħu lil xulxin fil-ħidma u l-għan tagħhom ta' karita.
Jidher li wara sena biss, id-dar ta' Birkirkara kienet saret zgħira wisq għall-għadd ta' tfal li kienu taħt il-ħarsien ta' Fra Diegu u għalhekk beda jfittex dar akbar. Sab dar akbar fi Triq id-Duluri, Ħamrun imbagħad mar f'dar oħra fi Triq Villambrosa. Oħtu ma felħitx tkompli tieħu ħsieb dawn it-tfal. Żewġha kien miet u għalhekk talbet lil ħuha biex iġġib xi sorijiet jgħinuh. U hawn seħħet laqgħa providenzjali. Patri Alessandru Bonnici jgħidilna li jum wieħed Fra Diegu kien għaddej riekeb il-karrozzin. Lemaħ żewġ sorijiet mixjin minn Birkirkara għall-Ħamrun. Stedinhom jitilgħu huma wkoll ħalli jwassalhom. Il-kliem waq' fuq il-Kongregazzjoni u x-xogħol tagħhom. Sab li huma wkoll kellhom l-istess għanijiet tiegħu u għalhekk talabhom biex jiġu jgħinuħ fid-dar tiegħu tal-Ħamrun. Huma ħadu l-permess mingħand is-superjuri u hekk bdiet ir-rabta bejn is-sorijiet Franġiskani, illum msejħa tal-Qalb ta' Gesu' u l-istitut ta' Fra Diegu.
Nafu fiz-żgur li Madre Margerita meta laħqet Superjura Generali tal-Kongregazzjoni kompliet issaħħaħ l-għaqda tal-ideal Frangiskan li kellu Fra Diegu u l-Kongregazzjoni tagħha.
Il-Parroċċa ta' Birkirkara kellha sehem kbir f'din l-għaqda u fit-tixrid ta' dan l-ideal ta' karita u għalhekk xieraq li l-festa ta Santa Liena titfakkar wkoll bħala xhieda ta' nies li bħalha wrew ħila, għaqal u mħabba u fetħu jdejhom mal-fqir u meddew idejhom lejn l-imsejken!

Nota ta' ħajr : lis-Superjur tal-Muzew ta' Birkirkara, is-Sur Carmelo Calleja li għeni permeż ta' artikli u riċerka tiegħu, imxandra f'Leħen is-Sewwa (1990), biex inħejji dan l-artiklu.